MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2010

Numru 1073/2009

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli)

vs

Christopher Pace

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 331485M, akkuzat talli:

1. Gewwa s-Swieq f'xi hin bejn l-9:45 p.m. ta' nhar is-26 ta' Novembru 2004 u l-5:15 a.m. ta' l-ghada s-27 ta' Jannar, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioè serq minn vettura ta' l-ghamla Toyota Tercel bin-numru tar-registrazzjoni DAJ-666 wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Stephen Dimech u/jew persuni ohra.
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè hsara fl-imsemmija vettura DAJ-666, liema hsara li teccedi 11.65 Ewro izda ma teccedix 116.47 Ewro liema hsara saret ghad-dannu ta' l-imsemmija Stephen Dimech u/jew persuni ohra.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati. Rat l-Artikolu 41, 261(b)(f)(g), 264, 270, 271(g), 325(c) u 17 tal-Kap 9. Ikunsidrat l-istqarrija tal-imputat u hadet l-informazzjoni mehtiega.

Tiddeciedi li tilliberah bl-applizzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sentejn mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------